Mill-President Dieter F. Uchtdorf
It-Tieni Kunsillier fl-Ewwel Presidenza

Il-Ħsad ta' Alla

Darba kien hemm waħda mara jisimha Krista li kienet taħdem ma' kumpanija żgħira taż-żerriegħa. Kienet tħobb xogħolha. Dan kien sors li bih setgħet timmeravilja ruħha kif kull żerriegħa li kienet tbiegħ kellha l-kapaċità tittrasforma ruħha f' xi ħaġa pjuttost mirakoluża—karrotta, kaboċċa jew saħansitra xi siġra enormi tal-ballut.

Krista kienet tieħu gost tpoġġi quddiem il-kompjuter tieħu l-ordnijiet u twieġeb il-mistoqsijiet. Iżda darba waħda hija rċeviet ilment li ħawwadha xi ftit.

"Iż-żerriegħa ma nibtitx," qalilha l-klijent. "Xtrajtha xahrejn ilu u s' issa xejn."

"Inti żrajtha f' ħamrija tajba u tajtha biżżejjed ilma u dawl tax-xemx?" Wieġbet Krista.

"Le, iżda jiena għamilt il-parti tiegħi," qalilha l-klijent. "Jiena xtrajt iż-żerriegħa. Wara kollox, hija *garanzija* li tikber."

"Iżda inti ma żrajthiex?"

"Dażgur li le. Mela tridni nħammeġ idejja."

Krista ħasbet ftit dwar dan u ddeċidiet li kien jeħtieġ li jinkitbu xi linjigwida dwar kif wieħed għandu jiżra'. Hija ddeċidiet x' kellha tkun l-ewwel linjagwida. "Għandek timxi wara l-istruzzjonijiet biex iż-żerriegħa tinbet. Ma tistax tpoġġiha fuq l-ixkaffa u tistenna li tikber."

Ma għaddiex wisq żmien li ma rċevietx ilment ieħor li ħawwadha.

"Iż-żerriegħa mhux tipproduċi," qal wieħed klijent.

"Inti żrajtha f' ħamrija tajba?" Wieġbet Krista. "Tajtha biżżejjed ilma u dawl tax-xemx?

"U żgur," insista l-klijent. "Għamilt dan kollu—eżatt kif hemm miktub fuq il-pakkett. Iżda kollu għal xejn."

"Ma nnutajt assolutament xejn? Ma nibtitx?"

"Le xejn," qal il-klijent. "Jiena żrajtha kif indikat. Kont qed nittama li jkolli t-tadam għall-ikel. Issa nħossni veramente diżappuntat."

"Żomm ftit," wieġbet Krista. "Trid tgħidli li żrajt iż-żerriegħa llum stess?"

"Tkunx redikola," qalilha l-klijent. "Żrajtha ġimgħa ilu. Ma kontx qed nistenna li sa jkolli t-tadam wara ġurnata; kont paċenzjuż. Ara ħa ngħidlek, minn dak in-nhar sal-lum tgħidx kemm tajtha ilma u domt nistenna.

Krista ndunat li kellha żżid linjagwida oħra ma' dik li kien hemm: "Din iż-żerriegħa hi b' konformità mal-liġijiet tal-bijoloġija. Jekk tiżra' ż-żerriegħa filgħodu u tistenna li se tiekol it-tadam aktar tard dik il-ġimgħa, sa toħroġ diżappuntat. Trid tkun paċenzjuż u tistenna sabiex in-natura tagħmel xogħolha."

Kollox beda miexi mingħajr problemi sakemm Krista rċeviet ilment ieħor.

"Jiena diżappuntat ħafna biż-żerriegħa tagħkom." beda jilmenta l-klijent. "Jiena żrajtha kif indikat fuq il-pakkett. Bexxejtha bl-ilma, qadt attent li jkollha biżżejjed xemx, u bqajt nistenna sakemm tagħat il-ħsad."

"Jidher li għamilt kollox tajjeb," qalet Krista.

"S' hemmhekk kollox sew," wieġeb il-klijent. "Iżda spiċċat tagħtni z-zukkini!"

"Skont ir-reġistru tiegħi inti ż-żerriegħa tagħhom ordnajt," qalet Krista.

"Iżda jiena ma rridx żukkini; irrid qargħa ħamra!"

"Mhux qed nifhem."

"Jiena żrajt iż-żerriegħa fil-parti li ħallejtha apposta għall-qargħa ħamra—l-istess ħamrija li s-sena l-oħra żrajt fiha l-qargħa ħamra. Jiena kont noqgħod inkellimha bil-ħlewwa, ngħidilha kemm kienet se ssir qargħa ħamra mill-isbaħ. Iżda minflok qargħa ħamra kbira, tonda ta' kulur orangjo, jiena spiċċajt b' żukkini twal u ħodor. Tunnelati minnhom!"

Krista ndunat li l-linjigwida weħidhom forsi mhux biżżejjed u kien hemm bżonn li tiċċara prinċipju: "Iż-żerriegħa li tiżra' u ż-żmien li fih tiżraha jiddeterminaw il-ħsad tiegħek."

Il-Liġi tal-Ħsad

L-Appostlu Pawlu għallem dwar il-ħsad ta' Alla:

"Titqarrqux; Alla ma jidħak bih ħadd: dak li bniedem jiżra', dak huwa jaħsad.

"Min jiżra' f'ġismu jaħsad mill-ġisem it-taħsir; min jiżra' fl-Ispirtu, jaħsad mill-Ispirtu l-ħajja ta' dejjem.

Ma negħjew qatt nagħmlu l-ġid; għax jekk ma naqtgħux qalbna, naħsdu fi żmienu" (Galatin 6:7–9).

Fi żminijiet riċenti, il-Mulej tana aktar għerf u għarfien dwar din il-liġi li ma tinbidel qatt:

"Hemm liġi, ordnata b' digriet irrevokabbli fis-smewwiet, qabel ma ġiet maħluqa d-dinja, li fuqha tiddependi kull barka—

"U meta niksbu xi barka mingħand Alla, din niksbuha permezz tal-ubbidjenza lejn dik il-liġi li hi marbuta magħha."(D&C 130:20–21).

Dak li niżirgħu, naħsdu.

Il-ħsad ta' Alla huwa ferm aktar glorjuż milli nistgħu nimmaġinaw. Għal dawk li jonorawh, il-barkiet bla għadd Tiegħu jinżlu b' "kejl tajjeb, marsusin, mheżża sewwa u mburġati. . . . Għax bl-istess kejl li tkejjlu intom jitkejjel lilkom" (Luqa 6:38).

L-istess kif iż-żerriegħa tal-art teħtieġ l-isforzi u l-paċenzja tagħna, l-istess il-ħafna barkiet tas-sema. Ma nistgħux inpoġġu r-reliġjon tagħna fuq xkaffa u nistennew li naħsdu l-barkiet spiritwali. Iżda jekk niżirgħu u nieħdu ħsieb l-istandards tal-evanġelju fil-ħajja ta' kuljum tal-familja tagħna, hemm probabiltà kbira li meta wliedna jikbru huma jipproduċu frott spiritwali ta' valur kbir għalihom u għal ġenerazzjonijiet futuri.

Alla mhux dejjem iwieġeb talbna b' mod immedjat—xi kultant qisna nibqgħu mingħajr tweġiba—iżda Alla jaf x' inhu l-aħjar għal uliedu. Mingħajr ebda dubju, xi darba għad naraw b' aktar ċarezza; u f' dak il-jum aħna ngħarfu t-tjubija u l-ġenerożità tas-sema.

Sadattant, l-għan u l-ferħ kbir tagħna hu li nimxu wara l-passi tal-Imgħallem u s-Salvatur tagħna u li ngħixu ħajja tajba u rraffinata sabiex niksbu l-ħsad imwieġħed u prezzjuż tal-barkiet imprezzabbli ta' Alla.

Dak li niżirgħu, naħsdu.

Din hija l-liġi tas-smewwiet.

Din hija l-liġi tal-ħsad ta' Alla.

TAGĦLIM MINN DAN IL-MESSAĠĠ

Iddiskutu ma' dawk li intom iżżuru kif il-liġi tal-ħsad ta' Alla tapplika fir-relazzjonijiet tagħna, fil-konverżjoni u t-testimonjanza tagħna jew fil-pjanijiet tagħna kemm fejn tidħol karriera kif ukoll dawk edukattivi. Tistgħu taqraw u tikkunsidraw xi skrittura relatata ma' din il-liġi, bħal Proverbji 11:18; 2 Korintin 9:6; u Alma 32. Ħeġġiġhom sabiex jagħtu ħarsa lejn xi għanijiet li kellhom qabel u jaħsbu f' xi għanijiet oħra li għandhom li jwassluhom biex jiksbu ħwejjeġ ġusti f' ħajjithom. Għinhom jiżviluppaw pjan biex huma jaġixxu b' mod konsistenti sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom għall-quddiem.

TFAL

Ippjanaw il-Ħsad Tagħkom

Il-liġi tal-ħsad ta' Alla hi li jekk aħna rridu xi ħaġa fil-futur, irridu naħdmu għaliha issa. Jekk irridu nkabbru ġnien, irridu niżirgħu ż-żerriegħa, inbixxuha u nipproteġuha mill-ħaxix ħażin. Jekk ma nagħmlux dan, ma jkollniex x' naħsdu aktar 'il quddiem!

Hawn taħt issibu lista ta' xi "frott tajjeb" li tistgħu tixtiequ f' ħajjitkom. Niżżlu fuq karta xi ħwejjeġ li tistgħu twettqu matul dan ix-xahar sabiex jgħinukom tirċievu dawn il-barkiet.

- Familja kuntenta
- Edukazzjoni
- Ħbieb tajbin
- Magħmudija u Konferma
- Testimonjanza ta' Ġesù Kristu

© 2014 by Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/14. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/14. Traduzzjoni ta' *First Presidency Message, August 2014*. Maltese.
10868 159

Il-Missjoni Divina ta' Ġesù Kristu: Messija

Fidi, Familja, Għajnuna

Bl-għajnuna tat-talb studja dan il-materjal u fittex sabiex tkun taf x' għandek taqsam ma' ħutek. Kif jista' l-għarfien tiegħek tal-ħajja tas-Salvatur u l-irwol Tiegħu jgħinek tkabbar il-fidi tiegħek fih u tbierek lil dawk li int responsabbli minnhom permezz tat-tagħlim taż-żjajjar? Ghal aktar informazzjoni żur reliefsociety.lds.org.

Dan huwa parti minn serje ta' Messaġġi tal-Għalliema taż-Żjajjar li jitrattaw aspetti mill-missjoni tas-Salvatur.

L-iskrittura tgħallimna li aħna nistgħu ngħammru fil-preżenza ta' Alla "permezz tal-merti, u l-ħniena u l-grazzja tal-Messija Mqaddes" (2 Nephi 2:8). *Messija* hija "kelma Aramajka u Lhudija li tfisser 'il-midluk.' . . . Fit-Testment il-Ġdid Ġesù jissejjaħ il-Kristu, li hija l-ekwivalenti tal-kelma Griega *Messija*. Tfisser il-Profeta, il-Qassis, is-Sultan u l-Ħellies il-midluk.[1]

Il-Presbiteru Jeffrey R. Holland tal-Kworum tat-Tnax-il Appostlu xehed: Jiena naf li Ġesù Kristu huwa l-Qaddis ta' Iżrael, il-Messija li xi darba għad jerġa' jiġi fil-glorja finali, biex isaltan fid-dinja bħala Sid tas-sidien u Sultan tas-slaten. Jiena naf li ma hemm l-ebda isem ieħor mis-sema 'l isfel li permezz tiegħu l-bnedmin jistgħu jsalvaw."[2]

Ġesù Kristu huwa s-Salvatur u l-Feddej tad-dinja," qal il-President Dieter F. Uchtdorf, it-Tieni Kunsillier fl-Ewwel Presidenza. "Huwa l-Messija mwiegħed. Huwa għex ħajja perfetta u patta għal dnubietna. Huwa dejjem ikun fuq in-naħa tagħna. Huwa jiġġieled il-battalji tagħna. Huwa t-tama tagħna; Huwa s-salvazzjoni tagħna; Huwa t-triq."[3]

Skrittura Addizzjonali

Ġwanni 1:38–41; 4:25–26, 40–42; 2 Nephi 6:13; 25:16–17

Mill-Iskrittura

Id-dixxipli nisa ta' Kristu kienu xhieda tal-irwol Tiegħu bħala l-Messija. Marija ta' Magdala kienet dixxiplu ta' Ġesù Kristu. Hija kienet l-ewwel waħda li rat "il-blata mneħħija mill-qabar" fl-għodwa li fiha qam Kristu mill-imwiet. Hija "baqgħet 'il barra mill-qabar, tibki" wara li skopriet li ġismu ma kienx jinsab aktar fil-qabar.

Imbagħad "daret lura u rat lil Ġesù wieqaf, iżda ma ntebħitx li kien Ġesù.

"Mara, għalfejn qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex? Hi ħasbet li kien il-ġardinar, u qaltlu: Sinjur, jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħedtu, u jiena nġibu lura.

"Ġesù qalilha, Marija. Hi daret u qaltlu, 'Rabbuni, jiġifieri Mgħallem." Marija għarfet li huwa ma kienx il-ġardinar iżda Ġesù Kristu, il-Messija. (Ara Ġwanni 20:1–17.)

NOTI

1. Guide to the Scriptures, "Messiah"; scriptures.lds.org.
2. Jeffrey R. Holland, "The Only True God and Jesus Christ Whom He Hath Sent," *Liahona,* Nov. 2007, 42.
3. Dieter F. Uchtdorf, "The Way of the Disciple," *Liahona,* Mejju 2009, 78.

Ikkunsidra Dan

Għaliex huwa importanti li nifhmu l-irwol tas-Salvatur bħala l-Messija?

© 2014 by Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/14. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/14. Traduzzjoni ta' *Visiting Teaching Message, August 2014.* Maltese. 10868 159